MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 52/2008

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited (C24137)**

**vs**

**Felix u Michelina konjuġi Cutajar**

**Illum l-Erbgħa, 2 ta’ Ottubru 2013**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu s-soċjeta’ attriċi, wara li ppremettiet:

1. Illi l-intimat huwa kreditur fil-konfront tal-esponenti fis-somma ta’ ħdax il-elf sitt mija u erbatax Euro u tnejn u sebgħin euro ċentezmi (€11614.72ċ)

rappreżentanti prezz ta' merkanzija supplita lill-istess intimati mir-rikorrenti;

2. Illi l-imsemmi ammont huwa ċert, likwidu u dovut;

3. Illi minkejja li ġew interpellati jħallsu l-imsemmi ammont, ukoll permezz ta' itrra uffiċjali datat 26 ta' Frar, 2008 kopja ta' liema qiegħdha tiġi hawn annessa u mmarkata Dok 'A' l-intimati baqgħu inadempjenti;

4. Illi l-intimati m'għandhom ebda eċċċezzjoni x'jagħtu għat-talbiet attriċi;

5. Illi għalhekk jeżistu l-elemeti kollha meħtieġa skond l-artikolu 167 tal-Kodiċi t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex il-Qorti tgħaddi biex tiddeċidi bid-dispensa tas-smiegħ.

6. Illi din il-kawza qed issir interament mingħajr pregudizzju għad-drittijiet kollha spettanti lill-istess mittenti skond il-liġi inkluż għad-dritt għall-kumpens ta' danni prelikwidati u /jew 'penalty' imposta in vista tan-negozju konkluż bejn ir-rikorrenti u l-intimati.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tordna lill-intimati jħallsu lill-esponenti s-somma ta' ħdax il-elf sitt mija u erbatax Euro u tnejn u sebgħin euro ċentezmi (€11614.72ċ) rapprezentanti prezz ta' merkanzija supplita lill-intimati bl-imgħax fuq l-istess mid-data tal-konsenja tal-istess merkanzija u bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Frar 2008 kontra l-intimati minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-eċċipjenti qed jissollevaw in-nullita' tar-rikors ġuramentat u dan għal diversi raġunijiet. L-ewwel u qabel kollox għaliex l-istess rikors ma jissodisfax ir-rekwiziti ta' l-artikoli 156 (1) (a) u 174 (1) (b) u (2) (ċ) u

jippekka minn diversi dettalji rikjesti mill-liġi kif mitlub mill-artikolu;

2. Illi ma hemmx tifsira ċara u sewwa ta' l-oġġett tal-kawza. Fir-rikors odjern pjuttost 'statement' li l-attur huwa kreditur imma dan mingħajr ebda spjegazzjoni ta' xejn kif appuntu titob il-Liġi;

3. Illi fir-rikors ġuramentat, almenu dik il-kopja li ġiet notifikata lill-konvenuti, ma tissemma' mkien il-kariga ta' min ħalef ir-rikors ġuramentat u lanqas ma hemm indikazzjoni xierqa u sħiħa tal-post ta' residenza jew tan-negozju tal-parti li qed tagħmel il-kawza;

4. Illi inoltre fir-rikors ġuramentat hemm riferenza għall-dokumenti li effettivament ma ġewx annessi ma' l-istess rikors ġuramentat. Di piu' l-elenku tad-dokumenti ġie mħassar;

5. Illi dawn id-difetti kollha ċertament jirrendu r-rikors ġuramentat null;

6. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-eċċipjenti Micheline Cutajar teċepixxi li hija mhix il-leġittimu kontraddittur u dan stante li hi qatt ma kellha x'taqsam man-negozju bejn il-partijiet għaliex dan kien unikament eżerċitat mill-konvenut l-ieħor Felix Cutajar. Din hija ċirkostanza kif komtemplata u stipulata fl-artikolu 1324 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u allura għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

7. Illi riferrbbilment għall-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-azzjoni hija intempestiva stante li qabel saret il-kawża kellu jsir eżerċizzju ta' komputazzjoni u ta' stock taking da parti tas-soċjeta' attriċi liema eżerċizzju kellu wkoll isir fil-presenza u b'ko-ordinazzjoni mal-konvenut Felix Cutajar imma li minflok ma sar dan is-soċjeta' attirċi għazlet li tipproċedi direttament b'kawza l-Qorti;

8. Illi qed jiġi eċċepit ulterjorment u mingħajr preġudizzju għall-premess li t-talbiet attriċi huma infondati

fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-konvenuti ma għandhomx jagħtu dik is-somma lis-soċjeta' attriċi u dan salvi għall-eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed tirreklama mingħand il-konvenuti l-prezz ta' merkanzija fdata f'idejn il-konvenut biex tinbiegħ fil-ħwienet f'Għawdex. Is-soċjeta' attriċi qed tallega li parti minn din il-merkanzija nbiegħet, imma hija qatt ma rċeviet mingħand il-konvenut il-prezz relattiv, għalkemm il-konvenut tħallas tagħha mingħand il-klijenti. Issostni wkoll li parti oħra minn din il-merkanzija tħalliet tiskadi fl-imħażen tal-konvenut, u għalhekk spiċċat bla valur.

Fis-sena 2005 s-soċjeta' attriċi laħqet ftehim mal-konvenut biex jagħmilha ta' distributur tagħha fil-gżira ta' Għawdex għall-bejgħ tal-prodotti mpurtati minnha, u dana fuq bażi ta' *commission.* Dan il-ftehim ġie wkoll inkorporat f'kuntratt.[1] Il-konvenut kellu jiġbor il-merkanzija mill-imħażen tas-soċjeta' attriċi, izommha fil-*garage* tiegħu f'Għawdex, u minn hemm iqassam fil-ħwienet fl-istess gżira, skond l-ordnijiet li kienu jsirulu. Huwa kellu jiġbor il-ħlas ta' dak li jirnexxilu jbiegħ mingħand tal-ħwienet u jiddepożita r-rikavat fil-kont tas-soċjeta' attriċi f'wieħed mill-Banek lokali. Dan il-ftehim jidher li ħadem mingħajr problemi għal iżjed minn sentejn. Ġara pero' li għall-aħħar tas-sena 2007, is-soċjeta' attriċi nnotat li l-konvenut ma kienx qed ikun regolari fid-depożiti tar-rikavat tal-bejgħ, għalkemm il-klijenti kienu jkunu ħallsuh ta' l-ordnijiet li jkunu għamlulu. Għalkemm għal xi żmien il-konvenut baqa' jinsisti li d-depożiti kien għamilhom, fl-aħħar

[1] Ara kopja tal-kuntratt in atti Nutar Romina Bartolo tal-25 ta' Mejju 2005,esebita bhala Dok.FB 1 a fol. 23 -27 tal-process

ammetta li kellu jagħti lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €12,531.15ċ. Dan ikkonfemah ukoll f'ittra li ġiet iffirmata minnu fl-10 ta' Jannar 2008 quddiem ix-xhieda ta' Francesco Busuttil u George Grixti, żewġ rappresentanti tas-soċjeta' attriċi.[2]

Preliminarjament il-konvenuti eċċepew in-nullita' ta' dan ir-Rikors ġuramentat għad-diversi raġunijiet indikati fl-ewwel erba' paragrafi tar-Risposta ġuramentata tagħhom, konsistenti f'nuqqasijiet fil-forma u kontenut ta' l-istess Rikors. Kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell: *"…. F'materja ta' eċċezzjonijiet ta' nullita' l-prinċipju applikabbli huwa* ***ut magis res valeat quam pereat.*** *Il-Qorti għandha tilqa' eċċezzjoni ta' nullita' minħabba fin-nuqqas ta' l-attur li jħares xi formalita' (sakemm ma tkunx nullita' li tirrizulta espressament mil-liġi) biss fil-kazijiet fejn jirrizulta li l-konvenut isofri preġudizzju irreparabbli minħabba fin-nuqqas ta' l-attur. Il-liġi ma tiddikjarax espressament in-nullita' ta' l-att li ma jħarisx l-artikolu 156(1)(a) u għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 789(1) (ċ) tal-kap.12 li jgħid li tista' tingħata eċċezzjoni ta' nullita'* ***'jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mill-liġi…kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullita' preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat****.' "* [3]

Hekk ukoll ingħad illi: "… *n-nullita' ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali*." [4]

Fil-każ in eżami jidher illi minkejja dawn in-nuqqasijiet il-konvenuti xorta waħda ppresentaw ir-Risposta relattiva tagħhom mingħajr ma kellhom ebda diffikolta' dwar il-mod kif u fuq x'hiex kellhom jiddefendu ruħhom, u għalhekk il-konvenuti ma setgħu sofrew ebda preġudizzju f'dan ir-rigward.

---

[2] Ara kopja taghha esebita bhala Dok.FB 2 a fol. 28 tal-process
[3] Albert Portelli vs Dr.Riccardo Farrugia:4.12.1998 kollez.vol.LXXXII..II.1311
[4] Appell: Guido J.Vella A.CE vs Dr.Emanuel Cefai Ll.D.:4.11.1991 vol.LXXV.II.474

L-artikolu 175(3) tal-Kap.12 jistipula espressament illi:

"**Il-Qorti tista', sa dakinhar li tagħti s-sentenza u taqta' l-kawża, tordna minn jeddha li tissewwa kull ommissjoni jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv f'att ġudizzjarju**."

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell: "*Minn qari akkurat ta' dan is-subartikolu jidher li meta l-leġislatur introduċa dan l-artikolu fil-Kodiċi ta' Proċedura, l-intenzjoni kienet prinċipalment li jagħti kull possibilita' lil-Qorti li ssalva l-azzjoni li tkun ġiet proposta billi tawtorizza kull korrezzoni li tkun meħtiġa fl-att promotur biex b'hekk is-sentenza finali jkollha l-effett meħtieġ bejn il-partijiet proprji in kawza*." [5]

Infatti proprju dwar in-nuqqas tagħha illi telenka l-lista tax-xhieda, s-soċjeta' attriċi ppresentat rikors fit-8 ta' Ġunju 2009,[6] u l-Qorti bid-digriet tagħha tad-19 ta' Ġunju 2009, ammettiet ix-xhieda minnha ndikati f'dak ir-rikors.[7]

Għalhekk billi n-nuqqasijiet fir-Rikors ġuramentat ma ħolqu ebda preġudizzju lill-konvenuti biex jiddefendu ruħhom sew għat-talbiet magħmula f'din il-kawża, l-ewwel ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuti għandhom jiġu miċħuda.

Bis-sitt eċċezzjoni l-konvenuta Michelina Cutajar qed tgħid li hija mhix il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża, billi n-negozju li dwaru qed tfittex li titħallas is-soċjeta' attriċi kien jiġi ġestit mir-raġel tagħha, l-konvenut l-ieħor, waħdu u hija ma kellha xejn x'taqsam miegħu. In sostenn ta' din l-eċċezzjoni l-konvenuti rreferew għall-artikolu 1324 tal-Kap.16. Dan l-artikolu tal-liġi jitkellem dwar amministrazzjoni *inter alia* ta' negozju ġestit minn parti waħda biss mill-miżżewġin. Madankollu billi bil-kuntratt hawn fuq imsemmi, l-konvenuta ntrabtet ukoll, flimkien ma' żewġha, b'ipoteka speċjali fuq il-proprjeta' tagħhom fil-Munxar, sabiex biha tagħmel tajjeb għall-obbligi li kien

[5] Cecil Pace pro et noe vs Emanuel A.Bonello pro et noe.:24.9.2004
[6] A fol. 42 - 43 tal-process
[7] Ara digiret a fol. 46

qed jassumi l-konvenut fit-twettiq tan-negozju li kien qed jagħmel mas-soċjeta' attriċi, hija kellha neċessarjement tiġi nkluża f'din il-kawża. Din l-eċċezzjoni ser tiġi għalhekk miċħuda ukoll.

Is-seba' eċċezzjoni titratta l-intempestivita' ta' l-azzjoni, għaliex il-konvenuti jikkontendu illi qabel ma saret il-kawża kellu jsir *stock taking* tal-merkanzija fil-presenza u bil-ko-ordinazzjoni tal-konvenut. Imma dan jirriżulta illi sar, kif jispjega Franco Busuttil, *managing director* tal-kumpanija attriċi,[8] u kif jikkonferma l-istess konvenut fl-affidavit tiegħu.[9] Din l-eċċezzjoni għalhekk lanqas ma tista' tiġi milqugħa.

Jibqa' biss li jiġi nvestigat jekk hijiex ġustifikata s-soċjeta' attriċi fit-talba tagħha għall-ħlas ta' €11,614.72ċ bl-imgħaxijiet relattivi mingħand il-konvenuti. Fl-ittra hawn fuq imsemmija tal-10 ta' Jannar 2008, il-konvenut ammetta li kellu jagħti lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €12,531.15ċ.[10] Għalkemm jammetti illi l-firma li tidher fuq ismu fuq din l-ittra hija tassew tiegħu, il-konvenut ittenta jxejjem l-importanza tagħha billi spjega li kien iffirmaha: "*għax kont mija fil-mija li m'għandix x'nagħtihom, għalhekk iffirmajtha, għal xejn izjed, kieku ifhem, kieku jien kelli x'nagħtihom ibqa' ċert li ma kontx ħa niffirmaha. Jien tant kemm kont ċert illi jiena m'għandix x'nagħti lura*…" .[11] Imma l-loġika tgħidlek proprju l-kuntrarju, u min jemmen li tassew m'għandux jagħti, qatt m'hu ser jaċċetta li jiffirma dikjarazzjoni quddiem ix-xhieda li għandu jagħti somma determinata ta' flus!

Għaldaqstant l-ittra tal-10 ta' Jannar 2008 għandha tittieħed bħala ammissjoni da parti tal-konvenut li sa dakinhar huwa kien għadu debitur fil-konfront tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' €12,531.15ċ. Pero' mill-i*statement of account* ppresentat mill-Head of Finance tas-soċjeta' attriċi,[12] jirriżulta li wara dik id-data u sakemm ġiet

[8] Ara para. 8 tal-affidavit tieghu a fol. 20 – 22
[9] Ara para.11 ta' dan l-affidavit a fol.. 109
[10] Ara kopja ta' din l-ittra a fol. 28
[11] Ara affidavit tal-konvenut a fol.189 tal-process
[12] Dok.NS 1 a fol. 53 - 54

ippresentata din il-kawza fit-3 ta’ Ġunju 2008, il-konvenut ġie akkreditat b’total ta’ €3002.03, biex b’hekk jiġi li kien għad fadallu debitu ta’ €9529.12ċ u mhux kif indikat fir-Rikors Ġuramentat.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa’ t-talba attriċi, pero’ limitatament għas-somma ta’ disat elef, ħames mija disa’ u għoxrin euro u tnax il-ċentezmu (€9529.12ċ). Fiċ-ċirkostanzi, l-interessi relattivi għandhom ikunu dovuti b’effett mill-10 ta’ Jannar 2008, id-data li fiha l-konvenut ammetta li kellu d-dejn mas-soċjeta’ attriċi.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu ssoportati kwantu għal erba’ kwinti (4/5) mill-konvenuti, u kwint (1/5) mis-soċjeta’ attriċi stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------